MALTA

# **QORTI TA' L-APPELL** KRIMINALI

## **ONOR. IMHALLEF**

## **MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 51/2012

Appell **Nru. 51/2012**

**Il-Pulizija**

**(Spt. Bernard C. Spiteri)**

**Vs**

**George Zammit**

**Illum 6 ta’ Marzu, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 41457(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar it-28 ta’

Marzu, 2011, f'xi hin bejn it-3.00 ta' filghaxija u l-5.30 ta' filghaxija waqt li kien qieghed fil-limiti ta' Swieqi

1. ikkommetta serqa ta' "chainsaw" li l-valur tieghu hu €129, liema serq hu kwalifikat bil-lok u dan ghad-dannu ta' Doris Grech;
2. laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. kiser l-ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin, b'sentenza moghtija nhar is-17 ta' Marzu, 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hija definittiva u ma tistax inbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Jannar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 269 u 281 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu seba` (7) xhur prigunerija. Stante li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati, l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 ta' Jannar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni u li tvarja l-piena billi tinghata piena ohra aktar ekwa u gusta ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-esponent ghadda sabiex jirregistra l-ammissjoni tieghu u ma huwiex qieghed jirtira dik l-ammissjoni.

L-esponenti jikkontendi li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis dak li l-gurisprudenza dejjem sostniet ghar-rigward ta' ammissjoni.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tghallem li :

*"meta quddiem l-Ewwel Qorti imputat jammetti mill-ewwel, hafna drabi jkun utili u kwazi doveruz li dik il-Qorti tisma`, minkejja l-ammissjoni, l-provi (jew ghall-anqas xi whud mill-provi) biex tiddetermina verament l-isfond li fih ikun sehh ir-reat u, per konsegwenza, l-gravita` oggettiva tal-akkadut".*

Per di piu`, tkompli tghallem din l-Onorabbli Qorti li :

*"trattandosi dan ta' kaz li beda bhala kumpliazzjoni, u minkejja l-ammissjoni tal-imputat mal-prezentata tieghu, kien ikun ferm aktar ghaqli li kieku l-Ewwel Qorti, flok ma strahet semplicement fuq l-akkuza kif dedotta (li ma taghtix naturalment, l-isfond ta' dak li gara)..... semghet imqar lill-istess ufficjal prosekutur bil-gurament (u forsi anke lill-vittma) biex tkun tista` tqis ahjar il-piena gusta ghall-kaz.  Il-piena, sia fil-kwalita` u fil-kwantita` taghha, hija materja li tispetta esklussivament lill-gudikant, tant li meta addirittura l-prosekuzzjoni u d-difiza jaqblu formalment dwar il-piena – Artikoli 453A u 393A(5) tal-Kap. 9 – il-gudikant jista` dejjem jirrifjuta li japplika dik il-piena jekk ikun tal-fehma li ma tkunx piena gusta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz".*

Fil-kaz in ezami l-Ewwel Qorti ma semghetx l-ebda prova la dwar il-kaz u wisq anqas dwar il-persuna tal-esponenti.  Fatturi dawn li jincidu fuq il-kalibrazzjoni tal-piena.

L-esponenti bir-rispett jikkontendi li l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ebda istanza ma kkunsidrat l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena.  Bhal ma lanqas ma tat l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv tal-esponenti.

L-interess pubbliku fil-kawza odjerna ma huwiex limitat biss ghal fatt li min kiser il-ligi, jpatti ghal ghemilu, izda wkoll li l-istess danni sofferti jkunu mhallsa lura. Pero` danni sofferti fil-kawza odjerna ma hawnx galadarba c-chainsaw inghatat lura lil sidha.

Meta wiehed iqis u jsir jaf lill-esponenti, aktarx iva milli le jidher kif l-esponenti ghandu certu diffikultajiet f'hajtu li ma jghinuhx jifhem l-import ta' kull decizjoni li huwa jiehu u wisq anqas il-konsegwenzi possibbli. Jidher minn analizi tal-fedina penali tieghu li ma jidhrix li huwa qatt inghata l-opportunita` effettiva li jigi mhejjum jgharraf il-konsegwenzi ta' ghemilu. Jidher ukoll li aktarx iva milli le dan il-kaz jitratta kaz ta' claptomaniac jew ta' psikozi ohra, stat ta' fatt li jezisti f'certu persuni u li l-esponenti jikkontendi li hija marda. Ghandu jigi ribadit kif din il-kondizzjoni ftit li xejn qatt giet indirizzata b'mod effettiv.

Il-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kemm fil-kwalita` taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita`, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gudizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Farrugia", fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita` a tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kap. 446.

L-umli esponenti jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta' seba` xhur imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-aspett riformattiv ma giex accenat, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-kaz.

Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmen Buttler", deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Frar, 2009, il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe` illi Qorti ta' l-Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charlot Aquilina" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru, 2008. Fis-sentenza precitata, l-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhall-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni ta' probation.

Il-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti permezz tas-sentenza "Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia", u fl-ismijiet "Il-Pulizija vs George Farrugia", kompliet sabiex ikkristallizat aktar dan il-punt.

L-esponenti jikkontendi, li fil-kaz tieghu, l-hekk imsejha "window of opportunity", sabiex jaghmel tajjeb ghal ghemilu, ma ghandhiex tinghalaq minn Qorti u dana fl-ahjar interess pubbliku suprem.

Huwa mifhum mill-esponenti li l-gurisprudenza hija stringenti hafna meta wiehed iqis vjolazzjoni ta' "conditional discharge". Pero` jemmen l-esponenti li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, minkejja tali "breach", jista` jkun applikat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, sabiex huwa jinghata dik il-piena li verament jisthoqlu.

Ghal dawn il-motivi, l-esponent jitlob bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista` tisma` provi in konnessjoni mal-karattru tal-esponenti, sabiex b'hekk hija tkun tista` tgharraf kif u ghalfejn ghandha tinghatat lill-esponenti l-"window of opportunity".

Ikkunsidrat:

L-appellant huwa addebitat illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tal-elfejn u hdax (2011) minn go garaxx is-Swieqi proprjetà ta' Doris Grech seraq chain saw li l-valur tieghu huwa mija u disgha u ghoxrin ewro (€129). Il-pulizija ressqu lill-appellant il-Qorti u fl-ewwel seduta tal-hmistax (15) ta' Dicembru tal-elfejn u hdax (2011) l-appellant ametta l-imputazzjonijiet

migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha fl-ghoxrin (20) ta’ Jannar tal-elfejn u tnax (2012) wara li osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u kkundannat lill-appellant ghall-perjodu ta’ prigunerija effettiva ghal seba’ xhur.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell il ghaliex dherlu illi kellu jinghata opportunità sabiex jirriforma ruhu minn din il-fissassjoni illi ghandu illi tixbah hafna l-psikosi ta’ Kleptomania. Argumenta ukoll illi minkejja l-ammissjoni l-ewwel Qorti jmissha indagat is-sitwazzjoni personali tieghu halli tara hemmx lok illi jinghata xi alternattiva oltre dik ta’ prigunerija effettiva.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ssib illi l-Qorti tal-Magistrati kienet proceduralment korretta meta ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha fuq l-ammissjoni tal-appellant. Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija kontra Martin J. Camilleri deciza fl-ghoxrin (20) ta’ Jannar elf disa’ mija hamsa u disghin (1995) intqal, “Fuq ammissjoni tal-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghal kundanna tieghu, ammendoche ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fhem in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta’ dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skont il-ligi tikkundannah, cioé ssibu hati ta’ reat.” Il-kawteli msemmija f’din is-sentenza ma jirrizultawx f’dan il-kaz u l-Qorti ghamlet sew illi mill-ewwel ghaddiet ghall-kundanna tal-appellant, dana wara li qieset il-fedina penali tieghu u l-fatt illi huwa rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-procedura u dehrilha illi f’dan il-kaz kellha timponi piena karcerarja effettiva fil-minimu. Il-kwistjoni psikika tal-appellant tqajjmet biss quddiem din il-Qorti fejn id-Difiza ilmentat illi minhabba l-kondizzjoni tieghu l-habs mhu se jservi ghal xejn u jkun ahjar illi jitqabbad psikolgu halli jghin lill-appellant johrog minn din is-sitwazzjoni illi ghandu. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tasal sa dan l-estrem. Illum l-appellant huwa ragel matur u jaf jifhem sew il-konsegwenzi ta’ ghemilu. Kif qalet l-ewwel Qorti dina mhiex l-ewwel darba illi l-appellant spicca l-Qorti fuq dawn it-tip ta’ akkuzi u jaf jekk jibqa’ sejjer f’din il-hajja huwa l-habs biss li jista’ jilqghu u mhux xi haga ohra. Jekk tezisti window of opportunity jew le jkun ahjar illi dan jarah u jifhmu l-appellant u jista’ jekk irid anke jekk ikun il-habs jitlob l-ghajnuna biex tigi indirizzata din il-problema. Però din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tvarja l-ewwel sentenza peress illi fuq il-provi li kellha quddiemha u l-ammissjoni tal-appellant il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet

ghaliha. Ghal dak li jirrigwarda l-piena dina qieghda fil-parametri tal-ligi, inghatat fil-minimu taghha u ghalhekk mhux il-kaz illi dina tigi varjata.

Ghal dawn ir-raguni l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------